



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9179/22

COMPET 344
IND 176

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja għall-Kunsill Kompetittività tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2022</i> It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali strateġiċi Ewropej <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota mill-Presidenza dwar "It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali strateġiċi tal-Ewropa" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tad-9 ta' Ġunju 2022.

It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali strateġiċi Ewropej

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Nota mill-Presidenza

Nindirizzaw id-dipendenzi tagħna fuq terminu qasir u nsaħħu r-reżiljenza tagħna fuq terminu twil

Is-suċċessjoni ta' kriżijiet li qed tiffaċċa l-UE titlob ħidma fil-fond biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea u l-ekosistemi strateġiċi, filwaqt li tiġi antiċipata l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tagħna biex nimplimentaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

L-aggressjoni Russa fl-Ukrajna tissottolinja l-ħtieġa għal azzjoni deċiżiva tal-UE f'dan il-qasam, peress li, apparti mill-isfidi tal-enerġija, tikxef vulnerabbiltajiet għal xi wħud mill-provvisti tagħna. B'mod partikolari, dawn il-vulnerabbiltajiet jikkonċernaw materja prima bħall-aluminju, il-vanadju, ċerti konċentrati tal-art rari u l-palladju, li huma inputs kritiċi għal ekosistemi industrijali Ewropej differenti, iżda wkoll gassijiet nobbli bħan-neon, użati fil-manifattura tas-semikondutturi, li minnhom 70 % tal-produzzjoni globali hija fornuta mill-Ukrajna.

Il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern poġġew dawn il-kwistjonijiet fil-qalba tal-ħidma tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-11 ta' Marzu 2022. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Marzu 2022¹, il-Kunsill Ewropew appella għal "bażi ekonomika aktar miftuħa u robusta, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna fl-aktar oqsma sensittivi bħall-materja prima kritika, is-semikondutturi, is-saħħa, id-dimensjoni diġitali u l-ikel, u billi titmexxa politika kummerċjali ambizzjuża u robusta, kif ukoll billi jitrawwem l-investiment" u li tintemm "progressivament mill-aktar fis possibbli d-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-gass, iż-żejt u l-faħam mir-Russja, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles". F'konformità mal-iskambji li diġà saru matul il-Presidenzi preċedenti u matul dan is-semestru, huwa essenzjali li l-Kunsill Kompetittività jkollu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew.

Sa mill-bidu tal-kriżi tas-saħħa f'Marzu 2020 tnediet ħidma importanti dwar il-kwistjoni tad-dipendenzi strateġiċi Ewropej u l-konsegwenzi tagħhom fuq l-ekosistemi industrijali, li għet amplifikata mill-kriżijiet ekonomiċi, ġeopolitiċi u tal-provvista attwali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet diversi azzjonijiet fl-istrateġija industrijali tagħha ta' Marzu 2020² u fl-aġġornament ta' din l-istrateġija industrijali ta' Mejju 2021³. Il-pjan għall-irkupru "*NextGenEU*" mniedi fis-sajf tal-2020, ir-rieżami tal-politika kummerċjali introdott fi Frar 2021⁴, l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni sostenibbli tal-industrija bil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ⁵, u l-introduzzjoni ta' miri diġitali li għandhom jintlaħqu sal-2030 permezz tal-Komunikazzjoni dwar id-Deċennju Diġitali⁶, kollha jiffurmaw parti minn dan l-isforz.

¹ EUCO 1/22

² Dokument 6782/20

³ Dokument 8553/21

⁴ Dokument 6308/21

⁵ Dokument 10849/21

⁶ Dokument 6974/21

Fl-aħħar nett, fuq talba tal-Kunsill, l-UE żviluppat l-analiżi tagħha dwar il-vulnerabbiltajiet⁷. Il-Kummissjoni pproponiet analiżi tad-dipendenzi strateġiċi Ewropej f'Mejju 2021 u aġġornament tagħha fi Frar 2022⁸.

L-Unjoni Ewropea għalhekk għandha bażi għal riflessjoni fattwali li fuqha tibbaża l-azzjonijiet industrijali u regolatorji tagħha b'mod immirat u proporzjonat.

Il-ħidma fil-Kunsill jew f'laqgħat informali organizzati taħt din il-Presidenza bdiet tittraduċi dawn il-prijoritajiet f'objettivi Ewropej ċari, ambizzjużi u realistiċi li għandhom jinkisbu sal-2030 fl-ekosistemi industrijali strateġiċi. Għet stabbilita mira ċara fid-Deċennju Diġitali dwar is-semikondutturi, għaddejjin inizjattivi fis-settur tas-saħħa, dak diġitali kif ukoll f'dak agroalimentari u l-Kummissjoni pproponiet pjan ambizzjuż dwar l-enerġija fil-Komunikazzjoni tagħha RePowerUE. Sabiex jinkisbu l-objettivi Ewropej tagħha, huwa meħtieġ li jiġu vvalutati l-ħtiġijiet għall-investiment pubbliku u privat assoċjati u li jiġu identifikati l-aġġustamenti meħtieġa għall-qafas regolatorju sabiex jinħolqu inċentivi suffiċjenti għal dawn l-investimenti. Dan ser jeħtieġ involviment qawwi tal-partijiet ikkonċernati kollha.

Din il-ħidma teħtieġ ukoll approċċ usa', li jintegra d-dimensjonijiet differenti tas-suq intern u l-appfondiment tiegħu, filwaqt li jiggarantixxi l-valuri soċjali, klimatiċi u ambjentali Ewropej fil-provvisti tagħna, l-isfidi ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kif ukoll l-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi ma' reġjuni oħra tad-dinja.

⁷ EUCO 13/20

⁸ Dokument 6506/22

Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles: il-każ ta' materja prima kritika

Is-sitwazzjoni fl-UE hija partikolarment fraġli fir-rigward tal-provvisti ta' materja prima tagħna: skont l-ewwel analiżi tad-dipendenzi strateġiċi Ewropej, fl-2021 aħna pproduċejna inqas minn 2 % tal-materja prima meħtieġa għal prodotti bħall-batteriji, it-turbini eoliċi jew ir-robotika. Madankollu, il-materja prima tikkontribwixxi għall-maġġoranza tal-ekosistemi industrijali Ewropej. Għalhekk, dawn id-dipendenzi strateġiċi jiġu mgħoddija lil setturi ewlenin oħra għall-ekonomija Ewropea bħall-karozzi u l-elettronika.

Il-Kummissjoni Ewropea diġà ħadet azzjoni f'dan il-qasam, b'mod partikolari bit-tnedija ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima f'Settembru 2020 u l-ħolqien ta' Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima (ERMA). L-Alleanza identifikat 28 proġett ta' żvilupp tal-kapaċità tal-estrazzjoni, tar-raffinar u tar-riċiklaġġ, b'investiment totali ta' EUR 12 -il biljun. Aktar kmieni din is-sena ħabbret it-tnedija ta' fond ta' investiment pubbliku/privat ta' EUR 400 miljun fil-materja prima tal-batteriji tal-vetturi elettriki.

F'konformità mal-ħidma mwettqa fil-Kunsill, objettiv trasversali għal kull waħda mit-30 materja prima identifikata bħala kritika mill-Kummissjoni jista' jitqies kollettivament sal-2030, fejn limitu minimu tal-ħtiġijiet tagħna, pereżempju 30 %, huwa kopert permezz tal-produzzjoni primarja u sekondarja domestika, flimkien mal-mira li nindirizzaw id-dipendenzi tagħna fuq sorsi uniċi esterni ta' provvista għall-estrazzjoni u/jew ir-raffinar tagħhom.

Biex jintlaħaq dan l-għan, l-UE trid tmur lil hinn u tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, billi tinvesti b'mod konġunt (i) fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet għall-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-materja prima Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-proġetti identifikati mill-ERMA, (ii) fl-appoġġ tal-ekonomija ċirkolari, fir-riċiklaġġ, fis-soluzzjonijiet ta' sostituzzjoni u ta' innovazzjoni, (iii) fl-iżgurar ta' provvisti minn barra l-Ewropa permezz tal-konklużjoni ta' sħubijiet strateġiċi u investimenti barra mill-pajjiż, u (iv) fir-rispett tal-valuri ambjentali kemm għall-estrazzjoni lokali kif ukoll għall-importazzjonijiet.

Fil-Komunikazzjoni REPowerUE tagħha ppubblikata fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħabbret ukoll ħidma fuq proposta leġislattiva dwar il-materja prima, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-katina tal-valur Ewropea permezz tal-identifikazzjoni tar-riżorsi naturali, il-proġetti ta' żvilupp u l-estrazzjoni tal-materja prima, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari.

Punti għal diskussjoni

Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Ministri ser jiġu mistiedna jagħtu l-fehma tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *X'inhuma l-azzjonijiet ta' prijetà li għandhom jiġu implimentati sabiex titkompla l-ħidma tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles u biex jiġu stabbiliti miri Ewropej konkreti għall-produzzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi tagħna fis-sitt setturi strateġiċi?*
- *B'kont meħud tat-tħabbira ta' inizjattiva regolatorja li jmiss dwar il-materja prima, u ż-żieda fil-ħtieġa tagħna li nimplimentaw it-tranżizzjoni doppja, liema politiki tixtieq tappoġġa sabiex tiżviluppa l-produzzjoni primarja u sekondarja fl-Ewropa u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-provvisti tagħna ta' materja prima kritika barra mill-Ewropa?*